



18.7.2011

AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: Petizzjoni 1613/2010, imressqa minn Rosa Letamendia Perez de San Román, ta' ċittadinanza Spanjola, f'isem is-“Sociedad Protectora de Animales y Plantas de Alava Vicky Moore”, dwar l-esportazzjoni illegali minn Spanja ta' klieb u qtates bla sid

1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonanta, li hija l-president tal-assoċjazzjoni msemmija hawn fuq, tirreferi għall-għadd kbir ta' klieb u qtates li mingħajr l-ebda forma ta' kontrolli qed jiġu esportati minn Spanja lejn Stati Membri oħra tal-UE, fejn qed jistennihom futur inċert. Il-petizzjonanta tispjega li dan jikkostitwixxi ksur gravi tad-dispożizzjonijiet tal-UE dwar ir-reqwiżiti tas-saħħa tal-annimali li jirregolaw il-kummerċ u t-trasport ta' annimali tad-dar bejn l-Istati Membri. Il-petizzjonanta tqis li l-problema tal-annimali tad-dar bla sid fi Spanja u tal-kummerċ relatat għandha tissolva b'mod effikaċi u li ma jkunx ta' ħsara għall-annimali, u għaldaqstant titlob lill-Parlament Ewropew biex jeżamina din il-kwistjoni.

2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fl-4 ta' April 2011. Il-Kummissjoni ġiet mistiedna biex tagħti informazzjoni (l-Artikolu 202(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

3. Risposta mill-Kummissjoni, li waslet fit-18 ta' Lulju 2011

Il-petizzjonanta tirreferi għall-moviment kummerċjali u mhux kummerċjali ta' annimali li jagħmlu parti minn speċi li taħt ċertu kundizzjonijiet huma kkunsidrati pets skont il-liġi tal-Unjoni, b'mod partikolari l-klieb u qtates.

Huwa allegat li l-awtoritajiet Spanjoli mhumiex qed jinfurzaw il-liġi tal-Unjoni dwar l-esportazzjoni ta' klieb u qtates bla sid mit-territorju tagħhom u dwar il-protezzjoni tal-

annimali. Minflok jikkastigaw lil dawk li jabbandunaw il-klieb u l-qtates fit-territorju tagħhom, l-awtoritajiet qed jaġixxu flimkien mal-organizzazzjonijiet tal-protezzjoni tal-annimali bl-għan li jew iraqqu l-annimali jew jibagħtu għadd konsiderevoli minnhom għall-adozzjoni fi Stati Membri oħra.

Il-petizzjoni tenfasizza n-natura illegali tal-esportazzjonijiet minħabba li:

- m'hemm ebda kontroll fuq l-annimali li qed jintbagħtu mill-pajjiż ta' oriġini tagħhom;
- l-istandards tal-Unjoni Ewropea għat-trasport ta' klieb u qtates jinkisru regolarment;
- l-Istat Membru tad-destinazzjoni ma jgix infurmat ma jgix infurmat dwar il-moviment ta' dawn l-annimali.

Il-petizzjoni titlob lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew u lill-Kummissjoni jużaw is-setgħat tagħhom biex jieħdu l-miżuri xierqa bl-għan li jiġi indirizzat in-nuqqas perċepit ta' miżuri meħuda mill-awtoritajiet Spanjoli biex ma tiġix ripetuta s-sitwazzjoni deskritta.

Il-petizzjoni titlob lill-Parlament jibgħat din il-petizzjoni lill-Kumitati rilevanti sabiex ikunu jistgħu jittieħdu l-miżuri u l-inizjattivi neċessarji meħtieġa.

L-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni

a) L-abbandun ta' klieb u qtates u l-kontroll tal-popolazzjonijiet tal-klieb bla sid

Għalkemm ġie adottat korp imdaqqas ta' liġijiet tal-UE għall-protezzjoni tal-annimali, kwistjonijiet bħall-abbandun ta' klieb u qtates u l-kontroll tal-popolazzjonijiet ta' klieb bla sid, kif irrappurtati fil-petizzjoni, jibqgħu fir-responsabilità unika tal-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-pieni stipulati f'każ ta' ksur tal-liġi nazzjonali.

Għalhekk, l-allegat nuqqas ta' infurzar tal-liġijiet dwar il-protezzjoni tal-annimali ma jidherx li jikkostitwixxi ksur tal-liġi tal-Unjoni.

Il-Kummissjoni tista' biss tagħti għajnuna teknika biex jittieħdu inizjattivi ġenerali li jippromwovu sjieda responsabbli u ta' kontroll xieraq tal-popolazzjoni. Il-linji gwida tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (OIE) għall-kontroll tal-popolazzjonijiet ta' klieb bla sid¹ huma gwida tajba dwar il-mod kif l-Istati Membri għandhom jaġixxu f'dan il-qasam.

b) L-esportazzjoni ta' klieb u qtates

Il-liġi tal-Unjoni dwar il-moviment ta' speċi li jistgħu jiġu kkunsidrati bħala pets skont il-liġi tal-Unjoni hija rregolata minn żewġ dispożizzjonijiet bażiċi:

Id-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE tistabbilixxi r-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimal għal kummerċ ġewwa u importazzjonijiet fl-Unjoni Ewropea ta' annimali u prodotti li ġejjin mill-annimali mhux koperti f'dan ir-rigward mil-leġislazzjoni speċifika tal-Unjoni (adottata pereżempju għall-bhejjem). Hija tistabbilixxi r-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali applikabbli għall-kummerċ fost l-oħrajn ta' inmsa, qtates u klieb.

Ir-Regolament (KE) Nru 998/2003 *dwar il-ħtiġiet rigward is-saħħa tal-annimali li japplikaw għall-moviment mhux kummerċjali tal-pets u li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE*, jarmonizza r-regoli għall-moviment mhux kummerċjali tal-annimali pets. L-ambitu tiegħu

¹ ġew adottati mill-175 Pajjiż Membru tal-OIE, inklużi s-27 Stat Membru tal-UE, waqt is-Sessjoni Ġenerali tal-OIE f'Mejju 2009

huwa limitat għall-ispeċi elenkati fl-Anness I tiegħu. L-Artikolu 3(a) jiddefinixxi l-annimali pets bħala annimali “*li jkunu jakkumpanjaw lis-sidien tagħhom jew persuna naturali responsabbli minn dawn l-annimali f’isem is-sid matul il-moviment tagħhom u ma jkunux maħsuba li jinbigħu jew li jiġu ttrasferiti għal għand sid ieħor*”.

Fir-rigward tal-benesseri tal-annimali, il-klieb u l-qtates, li jintbagħtu lejn Stat Membru ieħor skont il-kundizzjonijiet stipulati fid-Direttiva 92/65/KEE, huma soġġetti għal eżami mediku ta’ qabel il-moviment, u għandu jiġi ċċertifikat li dawn ikunu f’kundizzjoni tajba biex jivvjaġġaw. Matul it-trasport, dawn l-annimali huma koperti mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport u operazzjonijiet relatati¹. Dan ir-Regolament ma japplikax għall-moviment mhux kummerċjali ta’ klieb u qtates

Fil-każ li kelb, qattus jew nemes jintbagħat lejn Stat Membru ieħor għal finijiet kummerċjali, l-Istati Membri jeħtieġ li jsiru kontrolli veterinarji fil-post tat-tluq skont id-Direttiva 90/425/KEE. Dan l-iċċekjar għandu jiżgura li l-kunsinni jikkonformaw mal-kundizzjonijiet stipulati fid-Direttiva 92/65/KEE. Biex tiġi żgurata t-traċċjabilità, il-moviment jiġi notifikat mill-veterinarju uffiċjali lill-awtoritajiet kompetenti tad-destinazzjoni permezz ta’ sistema kompjuterizzata (TRACES) dakinhar taċ-ċertifikazzjoni skont l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 90/425/KEE.

Id-Direttiva 90/425/KEE ma tapplikax għall-movimenti ta’ annimali pets li mhumiex is-suġġetti ta’ tranżazzjoni kummerċjali. Il-kontrolli veterinarji fuq klieb u qtates pets f’moviment mhux kummerċjali bejn l-Istati Membri, għandhom isiru minn korpi li jinfurzaw il-liġi fl-Istati Membri fil-qafas ta’ kontrolli mhux diskriminatorji, każwali jew maħsuba, li jsiru fuq l-annimali pets skont il-prinċipji ġenerali tat-Trattat.

Jekk annimal ittrasportat minn Stat Membru għall-ieħor jaqax fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 998/2003, għandu jiġi kkunsidrat fuq bażi ta’ każ b’każ. Dan jidher li hu konċepibbli, pereżempju jekk annimal pet fi Spanja jiġi adottat minn xi ħadd fi Stat Membru ieħor u jekk is-sjieda tkun iddokumentata minn qabel fil-passaport li jakkumpanja lil dak l-annimal lejn l-Istat Membru ta’ residenza tas-sid.

Uħud mill-kwistjonijiet imqajma fil-petizzjoni, jiġifieri l-abbandun, il-kontroll tal-popolazzjoni tal-klieb permezz tal-adozzjoni jew l-ewtanasje ma jaqgħux fil-kompetenza tal-Unjoni.

Fir-rigward tal-allegat ksur sistematiku tal-liġi tal-Unjoni li tirregola t-transport transkonfinali tal-annimali pets bejn l-Istati Membri, kemm għal finijiet kummerċjali jew għal finijiet oħra, il-Kummissjoni se tkun disposta tressaq din il-kwistjoni quddiem l-Awtoritajiet Kompetenti Spanjoli jekk il-petizzjonanta tipprovd i evidenza *prima facie* li tappoġġja dawn l-allegazzjonijiet.

Għall-finijiet tal-kompletezza għandu jiġi nnutat ukoll li l-petizzjonanta ressqet ukoll ilment dwar il-kwistjoni lill-President Barroso fit-30 ta’ Diċembru 2010. Intbagħtet risposta lill-petizzjonanta.

¹ ĠU L 3, 5.1.2005, p. 1.